**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., MAG. JUR. (EU LAW)**

**DISTRETT QORMI**
**Kawża Numru 532/2023**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Ignazio Mifsud**

**Illum, 20 ta' Mejju, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Ignazio Mifsud ta' 59 sena, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 401063M, fejn ġie akkużat talli:

> *"...07/01/2023 GHALL-HABTA TA' 0835hrs Triq it-23 t'April, Hal Qormi*
> *1) Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.*
> *2) Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil Georgina Muscat.*
> *3) Volontarjament ħassart jew għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli liema ħsara tammonta għal inqas minn €250 għad-dannu ta' Georgina Muscat."*

Rat id-dokumenti ppreżentati;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, din il-Qorti tinsab sodisfatta li din l-imputazzjoni ġiet ippruvata mill-Prosekuzzjoni. Issir referenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-19 ta' Novembru, 1999, fl-ismijiet, **Il-Pulizija versus MariaConcetta Green** (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):

*'L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumità ta' persuna jew dwar l-inkolumità ta' proprjetà, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilità ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali.'*

B'applikazzjoni tas-suespost għall-każ odjern, m'hemmx dubju li din l-imputazzjoni ġiet ippruvata. Inqala' diverbju kbir, li sussegwentement wassal għal ħsara fil-proprjetà.

Dwar it-tieni imputazzjoni, issir referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Salvatore La Rocca,** deċiża fis-sebgħa (7) ta' Frar, 2019, fejn intqal:

*"Bhala kunsiderazzjoni legali in konnessjoni ma' din il-kontravvenzjoni, din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario*

*Camilleri deciza minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-30 ta' Settembru 2009:*

*"Skond il-gurisprudenza Il-Pulizija versus Joseph Frendo' (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-7 ta' Lulju 1995) it-theddid ifisser li agent ikun qed jippospetta lil persuna oħra ħsara ingusta. 'Il-Qorti hi soddisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa …… u specjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-gesti li akkumpunjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9, theddid tfisser li l-agent jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta fil-futur (ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-kodiëi , e.ż. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volontà tal-istess agent."*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar inghad li: "Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteggjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-glied, dak l-attaggjament jammonta għal minaccja reali u verbali." (Deciza mill-Imhallef Dr W. Harding fil-25 ta' Gunju 1952').*

*Theddida lanqas ma titlef mis-serjetà taghha jekk tkun kundizzjonata. (Ara f'dan is-sens Stella Bugeja vs Rosina Bugeja tal-31 ta' Jannar 1949).*

*Ingħad ukoll li minaccja ma titlifx mis-serjeta' tagħha billi tkun kundizzjonata. Antolisei jishaq li: "e' sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' delle persone a cui e' rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro 'ti faro' vedere di che cosa sono capace." (Antolisei F. (1986) Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale' (Milano Giuffre).*

Fil-każ odjern, irriżulta li Georgina Muscat ġiet insulentata u nġurjata bi kliem mill-imputat.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, din ukoll irriżultat ippruvata. Mill-provi prodotti, jirriżulta li l-inċident beda wara li l-imputat għadda xi kummenti dwar

karta, li iben il-parte ċivile kien waqqa’ mal-art. Il-kwistjoni baqgħet teskala, b’Georgina Muscat targumenta, u xħin din bdiet issuq il-vettura, l-imputat kissirlha l-ħġieġa ta’ wara tal-vettura. Id-difiża tikkontendi illi r-reazzjoni tal-imputat, ma kinitx ħlief il-frott tal-aġir provokatorju min-naħa tal-kwerelanta. Din il-Qorti tqis dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tas-26 ta’ Marzu, 1996, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Emanuel Vella**, fejn intqal li l-Artikolu 325 (ħsara volontarja) jagħmilha ċara, li meta tiġi biex titqies l-iskuża tal-provokazzjoni, għandha titħares ir-regola msemmija fl-Artikolu 235 tal-Kodiċi Kriminali, u ċioè li l-provokazzjoni ma tiswiex lill-ħati, meta din ma tkunx saret fil-waqt tal-azzjoni, li tagħha tinġieb bħala skuża. Fi kliem ieħor, il-provokazzjoni u l-azzjoni ta' ħsara volontarja jridu jseħħu fl-istess waqt.

Imbagħad fid-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti, hekk kif diversament ippreseduta, fit- 3 ta' Marzu, 2010, fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Elton Taliana) vs Sandra (Alexandra) Balzan**, intqal:

> *“Illi d-difiza tikkontendi illi r-reazzjoni ta’ l-imputata ma kenitx hlief il-frott ta’ l-agir provokatorju min-naha ta’ l-imputat. Illi l-element tal-provokazzjoni huwa inkwadrat fil-proviso ghall-artikolu 325 li jitkellem dwar il-hsara volontarja, fejn jinghad : “Izda meta d-delitt ikun skuzabbli minhabba provokazzjoni ingusta, il-hati jehel, fil-kazijiet imsemmijin fil-paragrafi (a), (b) u (c), il-piena ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn zewg terzi tal-piena imsemmija; u fil-kaz imsemmi fil-paragrafu (d) il-piena tal-kontravenzzjonijiet. … Meta tigi biex titqies l-iskuza ghandha tithares ir-regola fl-artikolu 235.”*
>
> *Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Anthony Agius (deciza 05.03.1993) inghad is-segwenti:*
>
> *“…. Dana ifisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret filwaqt ta’ l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero’ dejjem irid ikun hemm provokazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, il-provokazzjoni (ingusta) li ghaliha jirreferi l-artikolu 325, mhux limitata jew arginata b’xi kriterji li jissemmew fl-artikoli 227, 229 u 230 tal-Kodici Kriminali. L-uniku kriterju li l-legislatur ghazel li jittrasporta mit-Titolu tad-Delitti kontra l-Persuna hu*

*dak gia imsemmi ta' l-artikolu 235." Il-gurista Francesco Antolisei, in konnessjoni ma'l-attenuanti generali tal-provokazzjoni prevista fit-tieni inciz ta' lartiklu 62 tal-Kodici Penali Taljana jghid hekk:*

*La situazione psicologica di cui trattasi … deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l'attenuante dovra ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effettua, o per le ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc). Quanto alla reazione, non si richiede che sia proporzionato al fatto ingiusto. (Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).*

*Illi ghalhekk hemm zewg elementi li isawru dana liskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli u fittieni lok trid tkun saret filwaqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza."*

Illi mill-provi akkwiżiti jirriżulta, ir-reazzjoni tal-imputat kienet waħda sproporzjonata u esaġerata għal dak kollu li kien qed iseħħ. Jirriżulta bħala fatt mhux ikkontestat, illi l-ammont tal-ħsara ikkaġġjonata f'dana l-inċident, kienet tammonta għal €200, u dana skont kif jirriżulta mid-Dokument AB1 a fol. 5 tal-proċess, liema rċevuta ġiet ukoll ikkonfermata mill-persuna li rrilaxxatha.

Illi meta tiġi biex tqis il-piena li għandha tiġi inflitta, il-Qorti hija tal-fehma illi piena karċerarja effettiva, ma hijiex idoneja għal dan il-każ.

**Decide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti, wara li rat l-Artikoli 338(dd), 339(1) (e) u 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. In oltre, ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qiegħda tordna lill-ħati jħallas lil Georgina Muscat, is-somma ammontanti għal mitejn Ewro (€200), rappreżentanti l-ammont ta' ħsara kkaġunata fuq il-vettura in kwistjoni.**

**In oltre, u b'applikazzjoni tal-Artikoli 382A u 412C tal-istess Kapitolu 9, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Georgina Muscat, qed tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trażżin għal perjodu ta' sena, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess, u li għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur